VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,009, 28 ta' Diċembru, 2012
Taqsima B

A.L. 486 tal-2012

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science – M.Sc. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science – M.Sc. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Science – M.Sc.;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master of Science – M.Sc.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali ta' l-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2012 jew wara.

L-Oqsma ta' Studju

3. Il-Kors għandu jiġi offrut, bl-approvazzjoni tas-Senat, fi kwalunkwe qasam ta' studju li jaqa' taħt ir-risponsabbiltà akkademika tal-Bord.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

4. Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li kisbu waħda mill-kwalifiki msemmija hawn taħt:

(a) grad ta' Baċellerat fix-Xjenza (bl-Unuri) mill-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa, miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi (bl-Unuri); jew

(b) grad miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi (bl-Unuri) f'qasam relatat max-xjenza tas-saħħa; jew

(c) kwalifika meqjusa mis-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord, bħala ekwivalenti għall-kwalifiki msemmija f'(a) u (b) hawn fuq.

It-Tul tal-Kors

5. Il-Kors jinfirex fuq medda ta' tliet semestri ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti fi studju fuq bażi *part-time*.

Il-Programm ta' Studju

6. (1) Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 90 krettu ECTS, li minnhom mhux aktar minn 20 krettu ECTS ikunu assenjati għal taqsimiet studju mgħallma u mhux inqas minn 70 krettu ECTS ikunu assenjati għat-taqsima studju tad-dissertazzjoni.

(2) Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Il-Kumitat tal-Masters bir-Riċerka

7. Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat il-ħatra tal-Kumitat tal-Masters bir-Riċerka tal-Fakultà b'dawn il-membri:

Id-Dekan tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa jew id-delegat tiegħu/a (*Chairperson*)
2-3 membri tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa bi kwalifiki akkademiċi fil-livell ta' dottorat
Il-Kap tad-Dipartiment
Is-Superviżur tar-Riċerka.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

8. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju mgħallma għandha tkun kompluta sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima studju.

(2) L-istudenti li fi kwalunkwe sena akkademika jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn żewġ taqsimiet studju mgħallma, jekk qegħdin isegwu l-Kors fuq bażi full-time, jew mhux aktar minn taqsima studju mgħallma waħda jekk qegħdin isegwu l-Kors part-time, għandhom jingħataw l-opportunità li jerġgħu jagħmlu l-valutazzjonijiet mill-ġdid li weħlu fihom matul is-sessjoni tal-eżamijiet supplimentari ta' Settembru.

(3) L-istudenti li jeħlu f'aktar min-numru ta' taqsimiet studju permess skont il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament, jew l-istudenti li wara l-valutazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kretti għal kwalunkwe taqsima studju, jkunu meħtieġa jirtiraw mill-Kors.

Id-Dissertazzjoni

9. (1) L-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' madwar 40,000 kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord.

(2) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni jista' jsir fi kwalunkwe parti tal-Kors, wara li tiġi approvata l-proposta ta' riċerka. Kull student ikun assenjat superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

(3) It-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni u l-proposta ta' riċerka dettaljata għandhom ikunu mressqa għall-approvazzjoni tal-Bord ma' l-applikazzjoni.

10. (1) Il-Kumitat tal-Masters bir-Riċerka għandu jsegwi l-progress tal-istudenti tul il-Kors, skont kif jidhirlu xieraq, bil-kondizzjoni li jiltaqa' tal-anqas darbtejn fis-sena sabiex jirrevedi dan il-progress.

(2) L-istudenti għandhom jikkuntattjaw lis-superviżur tagħhom tal-anqas darba kull xagħarejn u barra minn hekk kull meta s-superviżur jidhirlu li hu meħtieġ.

(3) Fl-aħħar ta' kull semestru ta' studji, is-superviżuri għandhom jissottomettu rapport fuq l-istudenti taħt is-superviżjoni tagħhom lil-Kumitat tal-Masters bir-Riċerka. L-istudenti għandhom jiksbu l-approvazzjoni ta' dan il-Kumitat għal kwalunkwe bidla sostanzjali fit-titlu jew il-kontenut tad-dissertazzjoni.

(4) Il-Kumitat tal-Masters bir-Riċerka għandu, kull tant żmien, jgħarraf lill-Bord bil-miktub il-livell milħuq minn kull student. Dawn ir-rapporti jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni li jew (a) jittawwal il-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, sakemm li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent biex jiddefendi l-każ tiegħu.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

11. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.

Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time*

12. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time*, u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors.